MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2009

Mandat Numru. 180/2009

**Fl-atti tal-Mandat t'Inibizzjoni**
**Numru 180/09CSH**

**Carmelo sive Charles Caruana**

**Vs**

**Christopher Bonello**

**Il-Qorti:-**

Rat il-Mandat t'Inibizzjoni pprezentat mill-intimat Christopher Bonello nhar il-hmistax (15) ta' Mejju 2009 fejn talab lil din il-Qorti sabiex tikkawtela l-kreditu li huwa ghandu fis-somma ta' €10.093.16 kontra l-intimat li ma jbieghx, ma jnehhix, ma jittrasferix jew jiddisponi *inter vivos* b'titolu oneruz jew gratuwitu, xi proprjeta li huwa ghandu 'n partikolari, l-fond numru tnejn u sebghin (72) fi Triq in-Nissieg, Haz Zabbar.

Rat id-digriet taghha tal-hmistax (15) ta' Mejju 2009 fejn laqghet it-talba provisorjament u tat il-kontro parti jumejn zmien sabiex jirrispondi ghall-istess u fejn appuntat dan l-istess rikors promotur ghas-smiegh.

Rat ir-risposta tal-intimat ipprezentata fl-atti nhar it-tlieta (3) ta' Gunju 2003 fejn eccepixxa s-segwenti:-

*"1. Illi fl-ewwel lok l-ammont reklamat mir-rikorenti huwa zbaljat u huwa anqas.*

*2. Illi fit-tieni lok l-esponent halsu ammont sostanzjali u qatt m'inghata ricevuta fiskali tal-pagamenti u minkejja li gie nterpellat sabiex jibghat ricevuti fiskali, r-rikorrenti baqa' ma baghatx ricevuti fiskali, tant li l-esponent ma setax jikklamja l-VAT lura tal-pagament sostanzjali li huwa ghamel.*

*3. Illi l-merkanzija mertu tad-dejn thallset fil-parti l-kbira taghha u baqa xi bilanc w ghalkhekk l-ewwel Mandat ta' Qbid messu sar fuq il-merkanzija mertu tal-kaz, u mhux li jsir fuq id-dar privata tal-esponenti.*

*4. Illi di piu din il-merkanzija ghandha proprjeta ta' esklussiva tar-rikorrenti ghax skond il-kuntratt ta' bejn il-partijiet, il-makkinarju nbiegh bil-hire purchase w ghalhekk ghadu proprjeta esklussiva tar-rikorrenti.*

*5. Illi l-esponenti qeghdin fil-fazi ahharija li jbieghu d-dar taghhom u proprju dan il-Mandat ser igerrex lill-biegh.*

*Ghaldaqstant l-esponenti talab li dan il-Mandat t'Inibizzjoni jigi revokat contrario imperio minhabba r-ragunijiet imsemmija ' l fuq bl-ispejjez kontra l-istess rikorrent."*

Illi nhar it-tlieta (3) ta' Gunju 2009 il-Qorti semghet lil-intimat in subizzjoni jghid li verament ghandu jaghti lir-rikorrenti, kuntrarjament ghal dak li qal fir-risposta tieghu li pprezenta meta rcieva l-Ittra Ufficcjali maghmula ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kap 16. Qal li huwa ma kienx qed ihallas lir-rikorrenti, ghaliex ghalkemm huwa ghamel diversi pagamenti r-rikorrenti, qatt ma hariglu ricevuta

fiskali. Qal li 'n effetti, huwa ghandu jaghti somma ferm akbar lis-socjeta li taghha r-rikorrenti huwa Direttur, apparti l-flejjes li ghandu jaghti lill-intimat.

Ir-rikorrenti minn naha l-ohra, spjega kif huwa kien biegh xi merkanzija lill-intimat skond ftehim esebit fl-atti u dan fit-tmintax (18) ta' Lulju 2006 bhala Dok. VG 1 esebit fl-atti versu l-prezz miftiehem ta' LM5,000 u l-partijiet kienu ftehmu li l-intimat kellu jhallas lura din is-somma f'rati mensili u konsekuttivi ta' LM250. Gara pero, li l-intimat waqa' lura b'xi pagamenti u kien ghalhekk li huwa nterpellah sabiex ihallsu l-bilanc restanti. Huwa kien intavola Ittra Ufficcjali ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kap 12, fejn kien talab lil Qorti tikkundanna lill-intimat ihallsu s-somma msemmija fil-Mandat, izda dan nonostante, l-intimat baqa' m'ghamel ebda pagament iehor, salv dawk li kien ghamel qabel.

Illi l-intimat ipprezenta *statement* li jindika l-bilanc dovut. L-intimat qatt ma cahad bil-gurament tieghu li in effetti huwa ghandu jaghti lir-rikorrenti.

Illi l-intimat sostna li bl-agir tar-rikorrenti, huwa sejjer isofri pregudizzju kbir una volta dan il-Mandat jigi milqugh, peress li dan il-post imsemmi fil-Mandat, diga jinstab suggett ta' konvenju w ghalhekk, talab li fl-ghar ipotesi, r-rikorrenti messu pprezenta Mandat ta' Qbid fuq il-makkinarju msemmi fl-iskrittura Dok. 'A'.

Ikkunsidrat:

Illi fil-fatt l-**artikolu 873 (1) u (2) tal-Kap 12** jipprovdi li:

*"(1) L-iskop tal-Mandat t'Inibizzjoni huwa li jzomm persuna milli tibda jew tissokkta tibni bini jew xoghol iehor ikun li jkun, inkella, milli thott jew taghmel tibdil b'bini jew f'xoghol iehor, jew li jzomm persuna milli tidhol f'fond jew lok, jew li taghmel xi haga tkun li tkun li tista' tkun ta' hsara lill-parti li titolob il-hrug tal-Mandat.*

*(2) Il-Qorti m'ghandhiex tohrog Mandat bhal dak, jekk ma*

*tkunx sodisfatta li dak il-Mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrenti, u li dak ir-rikorrent 'prima facie' jidher li ghandu dawk il-jeddijiet."*

Illi minn dawn id-disposizzjonijiet jirrizulta li l-iskop tal-istess procedura odjerna hija li l-Qorti twaqqaf xi haga milli ssir li tista' tohloq pregudizzju ghar-rikorrenti u allura jsegwi li la darba jigi ppruvat li dik il-haga li qed tigi ttentata li tigi inibita milli ssir, fil-fatt tkun diga saret din il-procedura ma  tkunx tista' tirnexxi ghax l-iskop taghha jkun gie vanifikat.

Illi ghalhekk l-ghan ta' talba ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni huwa dak li, fost l-ohrajn, izzomm persuna milli li taghmel xi haga li tkun li tista' tkun ta' hsara lill-parti li titlob il-hrug tal-mandat (Art. 873(1) tal-Kap 12). Il-ligi tahseb ukoll biex thares minn hsara jew pregudizzju bhal dan li jista' jitwettaq meta parti tehles minn bini jew immobbli, billi zzomm milli jsir bejgh, trasferiment, jew tnehhija ta' gid bhal dan (Art. 873(8) tal-Kap 12).

Kif gie imfisser fis-sentenza moghtija nhar il-hamsa w ghoxrin (25) ta' Jannar, 2005 fl-ismijiet **<u>Charles Mugliette vs Saviour Bonnici</u> sabiex il-Qorti tilqa l-hrug ta' Mandat t'Inibizzjoni:-**

*"…. jehtieg li r-rikorrent juri zewg hwejjeg biex ikun jisthoqqlu jikseb il-hrug ta' Mandat bhal dak.   L-ewwel haga li jrid juri hi, li l-Mandat huwa mehtieg biex jitharsu l-jeddijiet pretizi mir-rikorrent.  It-tieni haga hi li r-rikorrent jidher li ghandu, mad-daqqa t'ghajn (prima facie) dawk il-jeddijiet*."

Minn kliem il-ligi nnfisha, z-zewg elementi huma kumulativi u mhux alternattivi.  Jekk xi wiehed minn dawn iz-zewg elementi ma jirrizultax, il-Qorti ghandha tichad it-talba ghall-hrug ta' Mandat bhal dak.   Siewi wkoll li wiehed izomm quddiem ghajnejh, li l-procedura li hija mahsuba biex titqies talba bhal din, hija wahda sommarja, billi m'huwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bhal dak kull ma jmissu jitressaq quddiemha waqt is-smiegh tal-kawza dwar l-istess jedd.

Illi minn dan johrog, li l-Mandat t'Inibizzjoni huwa mezz procedurali eccezzjonali u mhux normali ta' provediment legali.

Il-harsien li l-ligi timmira ghalih fit-talba tal-parti rikorrenti huwa dak li, minghajr il-hrug tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu jitnehha darba ghal dejjem u b'mod irrimedjabbli. Dan ma jfissirx li l-fatt li talba ghall-hrug ta' Mandat t'Inibizzjoni tintlaqa', jkun ifisser li l-jedd huwa ppruvat, bhalma lanqas ifisser li l-fatt li talba ghall-hrug ta' Mandat bhal dak ma tintlaqax, ikun ifisser li l-jedd pretiz ma jezistix. It-tiftix li trid taghmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-ghemil li minnu qieghed jibza' r-rikorrent, jistax jintilef darba ghal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li ghandu filwaqt li hareg it-talba ghall-hrug tal-Mandat.

Illi f'dan il-kaz jirrizulta, anke mix-xhieda tal-intimat stess, li huwa ghandu jaghti somom ohra, kif del resto jirrizulta minn esami tad-dokument esebit bhala Dok. 'RCP'.
**Ghaldaqstant, il-Qorti hija moralment konvinta li r-rikorrenti jista jikkawtela l-pretensjonijiet tieghu biss, permezz ta' hrug ta' dan il-Mandat t'Inibizzjoni w ghalhekk, qieghda tilqa t-talba ghall-hrug ta' dan il-Mandat t'Inibizzjoni b'mod permanenti.**

**L-ispejjez ta' din il-procedura tithallas mill-intimat.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------